# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 300/2017

Seduta tal-

**Il-Pulizija**

**vs**

**Eugenio Camenzuli**

Seduta tal-10 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Eugenio Camenzuli, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 511363M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar fis-27 t'Ottubru, 2015, ghall-habta ta' 12:00hrs, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-Gudja:

1) Importa oggetti u cioe' dawk li jaqghu taht l-intestatura tal-HS 04.10: 05.05; 05.11; 67.01; u 97.05 li joriginaw f'xi pajjiz ta' barra l-Unjoni

Ewropea, u cioe' fir-Russja, li huma elenkati fit-tieni skeda, meta ma kellux fil-pussess tieghu awtorizzazzjoni jew licenzja ta' mportazzjoni valida mahruga mill-Ministru responsabbli ghall-kummerc;

2) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gie fil-pussess jew kontroll tieghu jew zamm kampjuni ta' ghasafar, kemm hajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingharaf jew derivattivi ta' xi ghasfur li mhux inkluz fl-iskeda II jew fl-iskeda III, minghajr ma gab prova li dak l-ghasfur kif gie mportat legalment skond id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 6(1)(a);

3) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, mporta jew esporta kampjun ta' ghasafar, kemm haj jew mejjet, jew kull parti jew derivattiv tieghu, minghajr l-awtorizazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti resposabbli ghall-protezzjoni ta' dak il-kampjun gewwa l-pajjiz origini u cioe' r-Russja;

Il-Qorti kienet mitluba li barra li timponi l-multa applikabbli taht ir-regolament 27(2) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Gunju, 2017 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolament 3(l)(b) tal-L.S. 117.14 tal-Ligijiet ta' Malta w ir-Regolamenti 4(l)(e), 6(l)(a) u 27(2) tal-A.L. 79 tal-2006 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq talba tal-prosekuzzjoni iddikjarat it-tieni w it-tielet akkuzi rtirati, in oltre l-Qorti ma sabitx lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u illiberatu minnu.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Lulju, 2017, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellat Eugenio Camenzuli mill-ewwel imputazzjoni, u minflok issibu hati taghha u konsegwentement tipprefiggi piena kont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat :

1. Illi l-fatti ta' dan l-kaz huma fis-semplicita' taghhom, li l-appellat, flimkien ma' tlett persuni ohra imputati separatement, fir-ritorn taghhom minn gita ta' kacca gewwa r-Russja, dahlu Malta b'qabda ta' ghasafar li ghalihom kienu ottjenew ic-certifikati kollha mehtiega komprizi dawk veterinarji u ta' esportazzjoni mir-Russja. Qabel ir-ritorn taghhom kienu preventivament avzaw lill-awtoritajiet Maltin li kienu qed jistennew l-ajruport sabiex jaghmlu l-verifiki taghhom dwar dawn l-ghasafar u wara li accertat li kollox kien f'postu, thallew jimpurtaw l-istess b'dan illi peress illi l-magna li tqieghed ic-crieki ta' identifikazzjoni mal-ghasafar ma kienitx tiffunzjona, dan sar tlett xhur wara;

2. L-appellati kienu inizzjalment mitluba jwiegbu ghal tlett imputazzjonijiet, izda l-prosekuzzjoni irtirat it-tieni u t-tielet wahda (anke jekk dan mhu mkien dokumentat in atti hlief f'dikjarazzjoni f'dan is-sens fis-sentenza tal-ewwel Qorti). Din il-Qorti ghaddiet biex tisma lix-xhieda li huma r-rapprezentant tal-Wild Birds Regulations Unit, rapprezentant tad-Dipartiment responsabbli mill-hrug ta' licenzji tal-importazzjoni u l-

Ispettur Prosekutur. Mid-deposizzjoni tar-rapprezentant tal-licenzji jemergi illi l-appellat kien jehtieg licenzja ta' importazzjoni ghall-din l-attivita u li dan ma kellu ebda tali licenzja. Ir-rapprezentant tal-Wild Birds Regulations Unit, izda xehedet illi f'dan il-kaz kienet segwita s-solita prassi ghal-cirkostanzi simili fejn l-importatur jaghti pre-avvz tal-wasla tieghu, igib mieghu id-dokumenti veterinarji u l-permess tal-esportazzjoni li juri li dawn l-ghasafar setghu ikunu mehuda b'kacca, jkunu spezzjonati fil-presenza tal-Ufficcjali tad-Dwana u jekk kollox ikun sew, kif kien dan il-kaz, jithalla jdahhal l-ghasafar;

3. Tajjeb li jinghad illi l-prosekuzzjoni ma esebietx dawn l-ghasafar u li l-proceduri kontra l-appellat inbdew hames xhur wara din l-importazzjoni ghal ragunijiet li taf il-prosekuzzjoni. Irid jinghad ukoll illi ma hemmx dubju li l-appellat kien jehtieg licenzja ta' importazzjoni ghal dawn l-ghasafar izda jidher li kien hemm xi nuqqas ta' ftehim dwar it-thaddim ta' din ir-regola tant illi anke l-ufficcjal tad-Dwana, li ghal xi raguni, la hu u anqas rapprezentant tad-Dipartiment, ma ttella' biex jiddeponi mill-prosekuzzjoni. U dan meta l-Ufficjal tad-Dwana, il-gwardjan tal-bordura, awtorizza lill-appellat biex jipprocedi bi dhul tieghu b'dawn l-ghasafar minghajr ma talab li jkunu prodotti l-permessi mehtiega ghall-importazzjoni u dan meta kollox kien dikjarat preventivament;

4. Il-Qorti, bhal dik tal-ewwel grad qabilha, hija rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn l-Awtorita' tad-Dwana, minflok li zammet l-oggetti milli jidhlu fit-territorju sakemm l-appellat jirregola ruhu, awtorizzatu jipprocedi proprju ghaliex hemm xi forma ta' dizgwid dwar l-applikazzjoni tar-regola rigward il-permess ghall-importazzjoni. Il-dhul tal-oggetti ma sarx b'xi forma ta' qerq, habi jew makkinazzjoni ohra bl-iskop ta' telf ghall-erarju jew cirkovenzjoni tar-regoli. Anqas ma jista' jitqies li kien hemm xi *ignorantia legis* li wara kollox ma tissarrafx f'difiza valida. L-appellat ghalhekk m'ghandux iwiegeb ghall-incertezzi tal-awtoritajiet li setghu legalment ma jawtorizzawx id-dhul fil-konfini sakemm tkun iccarata l-posizzjoni dwar il-htiega tal-licenzja;

5. Ghal dawn l-motivi, l-appell qed ikun michud.